# QORTI ĊIVILI

## (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**DIGRIET FINALI**

**ILLUM, 14 TA' APRIL 2021**

**Rik. Nru. 409/2021 RGM**

**Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 409/2021 fl-ismijiet:**

**Vivienne Sciberras u Richard Sciberras**

**Vs**

**Nicole Xuereb u Main Store Food Limited**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Vivienne Sciberras et tas-17 ta' Marzu 2021** li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jitolbu illi l-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinżammu milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta' u b'mod partikolari is-sehem tal-intimata Nicole Xuereb minn diversi proprjetajiet immobiljari kif ukoll l-isħma ta' Nicole Xuereb fis-

soċjeta' intimata Main Store Foods Limitedd konsistenti fi 300 sehem Ordinary A shares u 600 sehem Ordinary B shares; kif ukoll kull proprjeta' immobbli ohra u kull proprjeta' mobbli tal-intimati inkluż iżda mhux limitatament għal makkinarju li jinsab fil-fabbrika f'Tal-Ħandaq u vetturi tas-soċjeta' intimata.

Rat ir-risposta tal-intimata Nicole Xuereb tas-26 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għal dan ir-rikors.

Semgħat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' April 2021.

Rat li r-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Ikkonsidrat;

Jirriżulta illi r-rikorrenti Vivienne Sciberras u l-intimata Nicole Xuereb huma azzjonisti tas-soċjeta' intimata Main Store Food Limited. Ir-rikorrentti għandha 300 Ordinary A shares, filwaqt li l-intimata Nicole Xuereb għandha 300 Ordinary A shares u 600 Ordinary B Shares. Is-setgħat tal-vot huma marbuta bis mal-Ordinary B shares filwaqt li l-Ordinary A shares ma jgawdux minn tali dritt tal-vot. Is-soċjeta' intimata ġiet inkorporata fis-17 ta' Ottubru 2019.

Ir-rikorrenti intavolat kawża kontra l-intimati ai termini tal-artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u ppreżentat ir-rikors odjern għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Ir-rikorrenti tikkontendi illi ħadet din l-azzjoni peress illi "taf li minn ta' lanqas hemm kredituri li jammontaw għal mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000)". Tgħid ukoll ir-rikorrenti illi "għandha suspetti konkreti li qed ikun hemm approprjazzjoni bla jedd f'ammonti sostanzjali mill-qliegħ f'bejgħ ta' prodotti lill-ħwienet u barijiet li jagħżlu li jħallsu bi flus kontanti." Iżżid tgħid ir-rikorrenti illi "tissuspetta wkoll li l-intimata Nicole Xuereb approprjat mingħajr jedd minn flejjes tan-negozju li ħalla warajh il-mibki Christoper Xuereb.". Għalhekk resqet dan ir-rikors fuq il-premessa li qed

tippretendi kontra l-intimta Nicole Xuereb kumpens fis-somma ta' tliet mija u ħamsin elf ewro (€350,000) a tenur tal-artikolu 402 (3) (f) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-banda l-oħra l-intimata tiċħad illi hija kkommettiet approprjazzjoni. Takkuża lir-rikorrenti li bħala direttriċi tas-soċjeta' konvenuta abdikat mid-doveri tagħha. Tiddikjara illi in-negożju ġestit preċedentement minn familjari tagħhom kien ġestiet mingħajr rendikont serju tal-aspett finanzjarju u li kien f'dan ix-xenarju li ġiet inkorporata s-soċjeta' intimata li ħadet f'idejha l-ġestjoni ta' dak in-negożju. Tqis għalhekk illi r-rikorrenti kienet taf mill-bidunett is-sitwazzjoni li fiha twieldet is-soċjeta' li huma flimkien inkorporaw u li dak li minnu qed tilmenta r-rikorrenti llium ma hux kaġun ta' xi għemil abbużiv tal-intimata imma sitwazzjoni li huma wirtu minn min preċedentement kien imexxi n-negozju li llum huwa f'idejn is-soċjeta' konvenuta.

Ikkonsidrat;

Ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa msejjes fuq l-**artikolu 874 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:-

"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijietreali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."

Ir-rikorrenti ddikjarat illi tali mandat qed jintalab in kawtela tal-pretensjonijiet minnha dedotti f'kawża preżentata ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap. 386. Il-kawża imsemmija ġiet intavolata fis-26 ta' Marzu 2021 fejn fost l-oħrajn ir-

rikorrenti qed titlob illi l-Qorti tiddikjara li l-intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti personalment; tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lill-intimata Xuereb tħallas id-danni hekk likwidati.

Huwa ritenut minn dawn il-Qrati li mandat mitlub taht l-Artikolu 874 biex ihares pretensjoni, jimponi kriterji diversi minn dawk imposti mill-Artikolu 873. Kif irriteniet il-Qorti Civili, Prim'Awla fil-provvediment taghha **MPM Capital Investments Limited vs. Alfred Anton Zarifa et** (Mand. Inib. Nru 1047/2018 JRM) degretat fis-27 ta' Awwissu 2018:

> "għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub."

Il-Qorti kompliet tispjega illi:

> "bħala kejl ta' dan il-jedd prima facie, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu."

L-Artikolu 874 (1) succitat jgħid car li Mandat bħal dan jista' jinareġ fuq is-saħħa ta' "dejn, jew kull pretensjoni oħra" sakemm tkun pretensjoni li taqbez l-ammont li dwaru Mandat bhal dan jista' jinħareġ. Il-ligi ma tghidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu. B'mod partikolari, għalhekk, jekk kreditur ikollu pretensjoni mnissla minn danni mġarrba, Mandat bhal dan jista' jinħareg ukoll, minkejja li, taht is-sistema ta' Mandati ta' Inibizzjoni in ġenerali,

pretensjoni li tista' tissarraf f'kumpens ghad-danni mgarrba, jonqos fiha l-element tal-"ħtieġa" tal-hrug tal-Mandat.[1]

Għalkemm li f'Mandat bhal dak odjern jehtieg li jigi sodisfatt ir-rekwizit tal-*prima facie* fil-parametri fuq deskritti, f'din ix-xorta ta' Mandat ma hemmx il-htiega li tiġi sodisfatta l-pregudizzju rreparabbli bhal mhu meħtieġ f'Mandat ta' Inibizzjoni msawwar fuq l-Artikolu 873. Fil-provvediment fl-ismijiet **Jos. Fenech Soler pro et noe vs. Chef Xpress Ltd et**. (Mandat t'Inib 312/2016 LSO) moghti fit-30 ta' Marzu 2016 gie ritenut li:-

> "Premess li l-għan ta' talba ghall-ħrug ta' mandat ta'inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħrug tal-mandat (**Art.873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).** Madanakollu skont **l-artikolu 874** applikabbli ghall-każ in eżami, il-kriterju tal-preġudizzju rreparabbli (it-tieni element rikjest ai termini tal-artikolu 837 tal-Kap.12) mhuwiex rekwiżit għall-ħrug tal-mandat."[2]

Skond **Artikolu 402 tal-Kap. 386:**

"(1) Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu."

[1] Ara **IWT Group Malta Ltd vs. Direttur Generali Kuntratti et** (Mandat t'Inib 30/2003 NC) degretat mill-Qorti Civili, Prim'Awla fil-11 ta' Marzu 2003.

[2] Ara wkoll **Luciano Grima vs. Nicholas Calleja** (Mandat t'Inib 1387/2017 JPG) degretat mill-Qorti Civili, Prim'Awla fis-7 ta' Dicembru 2017: "*…id-differenza bejn dawn iz-zewg artikolu hija filwaqt li mandat a tenur tal-Artikolu 837 jista' jigi intavolat minn kull min ghandu jedd prima facie u hemm riskju illi jsofri pregudizzju irrimedjabbli, l-Artikolu 874 huwa intiz ghal kredituri li jkollhom kreditu ta' mhux inqas minn €11,646.86.*"

- Omissis -

(3) Jekk dwar rikors magħmul skont is-subartikolu (1) jew (2),il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bażat sewwa u li jkun ġust u ekwu li hekk tagħmel, il-qorti tista' tagħmel ordni taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –

- Omissis -

(f) jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni;"

Waqt it-trattazzjoni l-Avukat tar-rikorrenti issottometta illi r-rikorrenti hija sprovvista minn kwalunkwe tip ta' informazzjoni peress li kollox jinstab f'idejn l-intimata. Kemm ilha li ġiet inkorporata s-soċjeta' intimata jidher li ma sarux audited accounts.

Mill-atti tal-kawża numru 29/2021 jirriżulta illi l-intimata Xuereb għandha r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' intimata u li r-rikorrenti Sciberras, għalkemm għandha 300 sehem, l-ishma tagħha m'għandhom l-ebda vot. Il-Qorti għalhekk tqis illi n-notifika lill-intimata Nicole Xuereb tiswa wkoll bħala notifika lis-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' Main Store Foods Limited ġiet imwaqqfa fis-17 ta' Ottubru 2019. Fir-risposta tagħha l-intimata ma tinnegax illi ma tat l-ebda rendikont lir-rikorrenti dwar id-dħul tal-kumpanija; iżda ssostni li r-rikorrenti "kienet taf bil-problemi u nuqqas ta' dokumentazzjoni illi minn dejjem kien hemm gewwa Main Store."

Ikkonsidrat;

L-allegazzjoni tal-intimata illi r-rikorrenti kienet taf bin-nuqqas ta' dokumentazzjoni ma ġġiebx fix-xejn id-dritt tar-rikorrenti li tikkawtela il-pretensjoni tagħha fil-konfront tal-intimata.

Referenza ssir għax-xogħol monumentali ta' **Profs Andrew Muscat** intitolat **"Principles of Maltes Company Law"** fejn dwar l-Artikolu 402 (3) (f) tal-Att dwar il-Kumpaniji għandu dan xi jgħid:

"Under article 402 (3) (f), the court is empowered to order "the payment of compensation by such person as may have been found by the court responsible for loss or damage suffered as a result of the act or omission complained of, to the person suffering the said loss or damage." A broadly similar provision is found in the New Zealand Companies Act 1993.

Article 402 (3) (f) is widely drafted. The order can be maid against any person found by the court to be responsible for the loss or damage suffered - such person could, depending on the circumstances, include the company itself or the majority shareholder or the controlling directors…………The provision does however serve as a useful purpose in that it unequivocally gives the complainant the right, in approriate cases, to seek compensation in the same article 402 proceedings in which he seeks some other applicable remedy…."

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa l-estremi tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 li fuqu huwa msejjes ir-rikors hawn deċiż stante li jirriżulta li qed jintalab sabiex jikkawtela pretensjoni ta' danni li r-rikorrenti għandha kontra l-intimata liema pretensjoni ġiet dedotta f'kawża. Appena huwa neċessarju jingħad illi l-akkoljiment ta' dan ir-rikors bl-ebda mod ma jfisser illi l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-mertu hija fondata.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' definittivament ir-rikors a' Vivienne Sciberras et tas-17 ta' Marzu 2021 u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

Tordna n-notifiki skond il-liġi.

Bl-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza fil-kawża fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 14 ta' April 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**